# QORTI TAL-APPELL
# (Sede Inferjuri)

## Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
## B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

## Appell numru: 17/18
**Wara sentenza tal-Arbitru (Att dwar is-Sigurta' Socjali) bin-numru 335/18 datata 7 ta' Novembru, 2018**

## Mario Ciappara (K.I. 28569G)

## vs.

## Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali

## Il-Qorti

1. Dan huwa appell tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali a tenur tal-Artikolu 109 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

   i. L-isfond tal-kaz huwa li l-appellat Mario Ciappara kien mizzewweg lil Mary Grace Ciappara (illum Borg), minn liema zwieg twieldu tlett (3) itfal Annalise, Jennifer u Andrea. Il-koppja nfirdu u filwaqt li l-bint il-kbira Annalise kienet tghix permanentament ma' ommha Mary Grace

Ciappara, z-zewg ulied iz-zghar Jennifer u Andrea marru jghixu ma' missierhom Mario Ciappara.
Permezz tad-digriet tas-16 ta' Dicembru, 2008 il-kura u l-kustodja tal-ulied giet iffissata bhala wahda kongunta u giet varjata biss wara li nghatat is-sentenza fl-ismijiet Mary Grace Ciappara -vs- Mario Patrick sive Mario Ciappara fis-27 ta' Novembru, 2014 fejn il-kura u l-kustodja ta' Jennifer li twieldet fil-5 ta' Marzu, 1995 u Andrea li twieled fit-2 ta' April, 1998 giet fdata lill-appellat Mario Ciappara.

Mary Grace Ciappara tul il-procedura quddiem il-Qorti kienet giet avvicinata diversi drabi sabiex tiffirma l-formola ghal *allowance* tat-tfal Jennifer u Andrea, pero' din b'pika dejjem irrifjutat. Kien biss wara d-decizjoni finali tal-Qorti nhar is-27 ta' Novembru, 2014 li din resqet sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni relatata mal-*allowance* ta' Jennifer u Andrea;

ii. Illi fid-19 ta' Lulju, 2016 fl-area office taz-Zabbar, saret applikazzjoni ta' *Taghrif ta' Tibdil fic-Cirkostanzi Beneficcju CA* mill-appellat Mario Patrick k/a Mario Ciappara. Fl-applikazzjoni nkitbet it-talba '*Client is requesting arrears from CA as per court docs*'. Flimkien mal-applikazzjoni giet pprezentata dikjarazzjoni ta' Mary Grace Ciappara maghmula fil-prezenza ta' Dr Raymond Zammit LL.D li kienet qeghdha tikkonsentixxi li l-arretrati tac-Children's allowance jittiehdu minn l-appellat Mario Ciappara;

iii. Sussegwentament fid-19 ta' Settembru, 2016 fl-istess area office taz-Zabbar, l-appellat Mario Ciappara ressaq applikazzjoni gdida din id-darba *Talba ghar-Revizjoni ghall-Allowance tat-Tfal;*

iv. L-appellat Mario Ciappara gie nfurmat verbalment li t-talba tieghu ghall-arretrati mhix milqugha u kien ghalhekk li ressaq appell permezz tal-avukat tieghu Dr Tonio Azzopardi datata 1 ta' Novembru, 2016 u ntavolat fl-ufficju tal-Arbitru fit-2 ta' Novembru, 2016;

v. Ftit tal-jiem wara permezz ta' ittra datata 3 ta' Novembru, 2016 l-appellat gie nfurmat li *'B'referenza ghat-talba tieghek ghall-'Allowance' tat-tfal ghall-perjodu mit-2 ta' Jannar 2016 sas-6 ta' Jannar 2017 ghat-tfal Jennifer u Andrea ghandi ninfurmak illi inti m'intix intitolat/a ghal din l-'Allowance' ghax* ***it-tfal huma l-fuq minn sittax il-sena.'***;

vi. Fid-9 ta' Marzu, 2017 id-Direttur Generali ressaq is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub quddiem l-Arbitru, fejn *inter alia,* huwa ndika li fil-kaz ta' Jennifer l-*allowance* tat-tfal baqa jigi ppercepit sal-1 ta' Lulju, 2011 u dana peress li hija kienet baqghet tattendi l-iskola, filwaqt li fil-kaz ta' Andrea l-allowance baqa' jigi ppercepit sal-4 ta' April, 2014. Di piu' d-Direttur Generali rrefera ghat-Taqsima VI ta' L-Erbatax-il Skeda tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali li tirregola sa meta jibqa' ghaddej l-allowance tat-tfal;

vii. Id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ntavola sottomissjonijiet ulterjuri bil-miktub fit-12 ta' Mejju, 2017 fejn huwa kkwota mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti li kienet tezisti bejn il-partijiet. Huwa sahaq li filwaqt li l-kura u l-kustodja kienet wahda kongunta bid-digriet tas-16 ta' Dicembru, 2008 din giet varjata biss bis-sentenza tas-27 ta' Novembru, 2014;

viii. Tul il-process quddiem l-Arbitru Dr Noel Camilleri saru diversi seduti, fejn l-appellat ressaq il-kaz tieghu. Dawn is-seduti kienu s-segwenti:

   a. Seduta tal-15 ta' Marzu, 2017 – L-appellat iddikjara li huwa kien qieghed jitlob l-arretrati tal-Allowance tat-tfal meta dawn kienu ghandhom taht is-sittax (16)-il sena. L-appellat obbliga ruhu li jipprezenta kopja tas-sentenza li fuqha huwa kien qieghed jitlob l-arretrati.

   b. Seduta tal-31 ta' Mejju, 2017 – L-appellat xehed li ghandu diversi rapporti mal-Pulizija Ezekuttiva fejn jindika li l-omm qatt ma marret ghall-access mal-ulied minuri Jennifer u Andrea.

c. Seduta tad-19 ta' Lulju, 2017 – Xehed l-appellat u ezebixxa sitta u ghoxrin (26) rapport li ghamel mal-Pulizija Ezekuttiva fuq numru ta' snin meta Mary Grace Ciappara ma kinitx tmur ghal access. Xehdu wkoll Jennifer u Andrea ahwa Ciappara.

d. Seduta tat-13 ta' Settembru, 2017 – Xehdet Mary Grace Borg (li precedentement kienet Ciappara) fejn hija kkonfermat li t-tfal z-zghar Jennifer u Andrea kienu telqu jghixu ma' missierhom madwar disa' (9) snin qabel. Hija tghid li tul dawn is-snin ma kellhiex kuntatt maghhom madanakollu llum ghandha kuntatt ma' bintha Jennifer biss.

e. Seduta tas-7 ta' Novembru, 2018 – Inghatat is-sentenza.

2. Illi l-Arbitru permezz tad-decizjoni tieghu tas-7 ta' Novembru, 2018 laqa' t-talba tal-appellat Mario Ciappara ghal arretrati tal-allowance tat-tfal fejn gie deciz kif isegwi:

> "Ghaldaqstant l-Arbitru huwa tal-fehma illi d-decizjonijiet tad-Direttur datata 4 ta' Ottubru 2016 u dik tat-3 ta' Novembru 2016 ma humiex gusti u ghalhekk ma timmeritax li tigi kkonfermata u dan abbazi ta' principji ta' ekwita u gustizzja (Artikolu 108 (9) tenut kont id-dokumentazzjoni kollha pprezentati mill-appellanti u x-xhieda moghtija fil-kors ta' dan l-appell li wera s-sofferenza li ghaddew tfal zghar f'kazijiet ta' separazzjoni tal-genituri taghhom.
>
> Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u d-decizjonijiet appellati qeghdin jigu revokati ghar-ragunijiet hawn imsemmija."

3. Id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali hassu aggravat b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavola appella nhar id-19 ta' Dicembru, 2018. Permezz tal-imsemmi appell huwa ressaq tlett (3) aggravji b'dawn ikunu s-segwenti:

a. Apprezzament hazin tal-provi;

i. L-Arbitru erronjament irrefera ghal zewg decizjonijiet (fejn jirreferi ghal *Script Review* bhala decizjoni) meta in realta' kien hemm decizjoni wahda biss li nghatat permezz tal-ittra datata 3 ta' Novembru, 2016.

ii. L-Arbitru jindika li l-arretrati li ntalbu kienu ta' meta Jennifer u Andrea ahwa Ciappara kienu minuri. Id-Direttur Generali jirrileva li fil-perjodu mitlub Jennifer u Andrea ma kienux ghadhom minuri.

iii. L-Arbitru ma hax kont tal-fatt li l-omm Mary Grace Ciappara kellha l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Jennifer u Andrea u li kien hekk iffissat permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2008. Dan id-digriet gie varjat snin wara permezz tas-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru, 2014. Jinghad ukoll li d-Dipartiment qatt ma gie nfurmat ma' min kienu qeghdin jghixu l-minuri.

b. Applikazzjoni hazina tal-Artikolu 108(9) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta; u

c. Nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikoli tal-Ligi relevanti ghall-ghoti tal-allowance tat-tfal.

4. L-appellat Mario Ciappara wiegeb ghal dan l-appell billi qal li d-decizjoni hija wahda gusta u korretta u timmerita li tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali. L-appellat ittratta dawn l-aggravji bil-mod segwenti:

a. Fir-rigward tal-ewwel aggravju huwa kellu xi jghid is-segwenti:

i. Jirrileva li huwa appella wara li nghatat decizjoni. Huma rrilevanti ghalih arrangamenti interni fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali dwar *Script Review* jew *Working sheet* u mhux mistenni li jkun jaf xejn dwarhom. Fi kwalunkwe kaz, huwa appella wara li nghatat id-decizjoni, l-*script review* jew l-*working sheet*.

ii. L-appellat ressaq l-applikazzjonijiet tieghu sabiex huwa jiehu l-arretrati ta' meta wliedu Jennifer u Andrea kienu ghadhom taht l-eta' u eligibbli ghall-allowance u mhux specifikament tal-perijodu ndikat bejn it-2 ta' Jannar, 2016 u s-6 ta' Jannar, 2017.

iii. L-impediment legittimu kien attribwibbli ghall-pika ta' Mary Grace Ciappara. Id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali approfitta mill-imgieba zbaljata ta' Mary Grace Ciappara u rrifjuta milli jghaddi l-arretrati tal-allowance tat-tfal. Id-Dipartiment kellu jiddeciedi skont l-ligi u l-istat ta' fatt u cioe' jaghti l-allowance tat-tfal lil min kien qieghed irabbihom u mhux jimxu mad-digriet.

b. L-appellat ikkritika lid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali billi sahaq li ma pprova xejn u jirreferi ghal dan l-aggravju bhala wiehed spavald.

c. B'risposta ghal dan l-aggravju l-appellat jistaqsi kif jista' huwa ma jissejjahx li kellu l-kura u l-kustodja ta' uliedu Jennifer u Andrea meta kien huwa li qed irabbihom. Hawnhekk l-appellat jirreferi ghall-appellant li ma kienx qieghed jagixxi bhala bonus paterfamilias u jirrileva li fil-mument li saret l-applikazzjoni l-ulied kienu ghadhom minuri.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

Ikkunsidrat:

**L-Ewwel aggravju u t-Tielet aggravju**

6. Din il-Qorti sejra tezamina dawn iz-zewg aggravji ma' xulxin u dana peress li t-tielet aggravju, li huwa nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikoli tal-Ligi relatati mal-ghoti tal-allowance tat-tfal, sejjer jigi allacjat u ezaminat mal-ewwel aggravju li huwa fuq apprezzament hazin tal-fatti.

Primarjament l-appellant Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jirrileva li l-Arbitru fid-decizjoni tieghu ghamel referenza ghad-decizjonijiet mehuda mid-Direttur ta' nhar l-4 ta' Ottubru, 2016 u dik tat-3 ta' Novembru, 2016. Dik li l-Arbitru sejjah bhala decizjoni datata 4 ta' Ottubru, 2016, id-Direttur jirrileva li ma hi xejn ghajr ghal *script review*. Mhux ikkontestat li l-appell intavolat mill-appellat Mario Ciappara quddiem l-Arbitru huwa wiehed validu. Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-fatt li l-Arbitru ghamel referenza ghall-*script review* bhala decizjoni, effettivament mhux ser taghmel l-ebda differenza sostanzjali fid-decizjoni moghtija minn din il-Qorti l-ghaliex l-appell originali sar fuq id-decizjoni moghtija mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali.

7. Fit-tieni lok d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jispecifika li l-arretrati li kienu qeghdin jintalbu mill-appellat Mario Ciappara kienu ghal period mit-2 ta' Jannar, 2016 sas-6 ta' Jannar, 2017. Huwa jispecifika li f'dak il-perijodu l-ulied Jennifer u Andrea kienu maggorenni peress li kellhom wiehed u ghoxrin sena u tmintax-il sena rispettivament.

Jirrizulta li Jennifer twieldet fil-5 ta' Marzu, 1995 u Andrea twieled fit-2 ta' April, 1998. Minn kalkolu semplici jirrizulta li huma ghalqu s-sittax (16)-il sena fil-5 ta' Marzu, 2011 u fit-2 ta' April, 2014 rispettivament. Filwaqt li fil-kaz ta' Jennifer Ciappara l-allowance tat-tfal baqa jinghata sal-1 ta' Lulju, 2011 u cioe' wara li ghalqet is-sittax (16)-il sena u dan peress li hija kienet ghadha tattendi l-iskola, u ma kinitx qeghdha tippercepixxi l-ebda stipendju, fil-kaz ta' Andrea Ciappara l-allowance tat-tfal waqaf mal-gheluq tas-sittax (16)-il sena precizament fil-4 ta' April, 2014.

L-Artikolu 76 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li l-kap tal-familja li ghandu l-kura u l-kustodja ta' tifel hu ntitolat ghall-allowance tat-tfal. Dan l-artikolu qieghed jigi kkwotat *ad verbatim* u jaqra kif isegwi:

> (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ghandu jkun id-dritt ta' kull tifel f'kull familja li jkollu allowance imhallsa dwaru lil kap tal-familja li ghandu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel, sakemm dak it-tifel ikun it-tifel jew it-tifla tal-kap tal-familja jew tal-konjugi, u fejn la l-kap tal-familja u lanqas il-

konjugi ma huma l-genituri ta' dak it-tifel, id-Direttur ikun sodisfatt li jkun fl-ahjar interess ta' dak it-tifel li jaccetta lill-kap tal-familja bhala l-kustodju effettiv ta' dak it-tifel u ghal dak il-ghan id-Direttur jista' jitlob mid-Direttur (Standards ghall-Harsien Socjali) li ghandu jissottometti fi zmien xahar, rapport, dwar jekk ikun l-ahjar li dak it-tifel ikun ikkonsidrat bhala parti minn dik il-familja:

Izda b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, il-pagament ta' din l-allowance ghandu jibda jithallas lill-genitur li jkollu l-kura u l-kustodja effettiva, u li mieghu jkunu qeghdin jirrisjedu t-tfal.

(2) Ir-rata li tapplika tal-allowance imsemmija fis-subartikolu (1) ghandha tkun kif imsemmi fit-Taqsima VI tal-Erbatax-il Skeda u l-kalkolu tal-mezzi fis-sena tal-familja ghandu jsir skont kif stipulat fit-Taqsima VII tat-Tieni Skeda.

Illi t-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta tistabbilixxi li l-allowance tat-tfal tista biss tithallas sa meta t-tfal jaghlqu s-sittax (16)-il sena jew biex tithallas oltre t-tfal iridu jkunu qed jattendu kors ta' studju jew taghlim full-time f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Gvern skont l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Ligijiet ta' Malta) u li ma jkunux qeghdin jircievu xi forma ta' rimunerazzjoni jew allowance jew li jkunu registrati bhala persuni minghajr xoghol taht it-Taqsima I tar-Registru u qatt ma jkunu hadmu bi qliegh skont l-Att dwar is-Servizz tal-Impieg u Tahrig (Kap. 343 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi mhux ikkontestat li Jennifer u Andrea ahwa Ciappara kienu fl-ahhar snin jirrisjedu ma' missierhom Mario Ciappara. L-appellat jinsisti li gialadarba l-ulied kienu jirrisjedu mieghu huwa kellu l-kura u l-kustodja f'idejh. Mill-process jirrizulta li permezz ta' digriet tas-16 ta' Dicembru, 2008 il-kura u l-kustodja tat-tliet (3) ulied kienet fdata konguntivament f'idejn iz-zewg genituri u din giet varjata biss bis-sentenza tas-27 ta' Novembru, 2014. Fis-sentenza msemmija nghad is-segwenti:

> "Il-Qorti tirrileva li permezz ta' digriet datat is-16 ta' Dicembru 2008 ordnat li l-kura u l-kustodja tal-ulied ghandha tkun wahda kongunta b'dan li Annalise ghandha tibqa' tghix mal-omm u l-ulied l-ohra jghixu mal-missier. Hekk kif tiddikjara r-rikorrenti permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha, il-kwistjoni ta' kura u kustodja hija ormai sorvolata u dan *stante* li l-wild il-kbira ghandha wiehed u ghoxrin (21) sena, il-wild tan-nofs ghandha dsatax (19)-il sena filwaqt li l-minuri Andrea ghandu sittax-il sena u jidher li m'ghandu ebda ntenzjoni li jmur jirrisjedi mar-rikorrenti. *Stante* l-eta' tal-istess minuri u stante li l-istess partijiet jidher li waslu f'modus vivendi dwar l-istess imsemmi minuri l-Qorti thoss li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-intimat. Tenut kont tal-eta' tal-minuri, l-access versu r-rikorrenti ghandu jsehh bi ftehim mal-istess minuri. Naturalment ir-residenza tal-istess minuri sakemm jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)–il sena ghandha tkun mal-intimat missier."

8. Minn dan jirrizulta li lura fis-sena 2008 l-ulied Jennifer u Andrea kienu gia jirrisjedu ma' missierhom, malgrad dan, l-Onorabbli Qorti xorta prosegwiet billi fdat il-kura u l-kustodja konguntivament f'idejn iz-zewg genituri. Kif gia nghad precedentament l-Artikolu 76 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li l-allowance tat-tfal jinghata '*… lill-kap tal-familja li ghandu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel, …*' Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak espost kien gustifikat id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali li jghaddi lill-appellat Mario Ciappara nofs l-*allowances* tat-tfal u mhux kollha.

Illi kien biss meta l-appellat Mario Ciappara nghata s-sentenza li permezz taghha huwa nghata l-kura u l-kustodja ta' Andrea (peress li Jennifer kien gia maggorenni) li huwa ressaq l-applikazzjoni *Taghrif ta' Tibdil fic-Cirkostanzi Beneficcju CA* nhar id-19 ta' Lulju, 2016 u rega' ressaq applikazzjoni ohra *Talba ghar-Revizjoni ghall-Allowance tat-Tfal* nhar id-19 ta' Settembru, 2016. Dawn iz-zewg applikazzjonijiet tressqu fil-kaz ta' Jennifer 'il fuq minn hames (5) snin filwaqt li fil-kaz ta' Andrea 'il fuq minn sentejn (2) wara li kienu ghalqu s-sittax (16)-il sena. Kif sewwa jissottometti d-Direttur

appellanti l-applikazzjoni u cioe' 'talba ghar-revizjoni' tindika l-perjodu mit-2 ta' Jannar, 2016 sas-6 ta' Jannar, 2017 (Dok. B. fil-process tal-Arbitru). Ma jidher li sar l-ebda tentattiv sabiex tigi emendata din id-data fuq l-applikazzjoni.

Huwa ghalhekk minnu dak li jissottometti d-Direttur li ghall-fini ta' *allowance* tat-tfal fis-27 ta' Novembru, 2014 dawn ma kienux ghadhom eligibbli ghall-istess.

9. Illi di piu l-Artikolu 97 (2) tal-Kap. 318 jistipula z-zmien meta ghandha titressaq talba ghall-*allowance* tat-tfal. Id-dispost ta' dan l-Artikolu jghid:

> (2) Il-limiti ta' zmien imsemmija fis-subartikolu (1)(a) ghandhom ikunu dawn li gejjin:
>
> (c) fil-kaz ta' Ghotja taz-Zwieg, Beneficcju dwar il-Maternità, Allowance tat-Tfal, Allowance ghal Tifel b'Disabilità jew xi Pensjoni ghal min Jirtira jew dwar ir-Romol, sitt xhur li jibdew jghoddu minn -
> (i) il-jum li fih l-iben jew il-bint titwieled, dwar Beneficcju dwar il-Maternità, Allowance tat-Tfal u Allowance ghal Tifel b'Dizabilità.

Illi fil-kaz taghna l-appellat Mario Ciappara qieghed jitlob li jinghata l-arretrati tal-*allowance* tat-tfal meta huwa (1) ma kellux l-kura u l-kustodja esklussiva tal-ulied; (2) fiz-zmien mitlub barra li ma kellux il-kura u l-kustodja esklussiva, l-ulied kienu lahqu l-eta' ta' sittax (16)-il sena u ghalhekk ma kinux ghadhom intitolati li jircievu *allowance* (peress li lanqas issodisfaw ir-rekwiziti tat-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda) u (3) kienu lahqu ghaddew is-sitt (6) xhur stipulati meta huwa kellu jressaq it-talba ghall-*allowance*. Anke kieku ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti tqis li minhabba ragunijiet specjali s-sitt (6) xhur ghandhom jghaddu mid-data tad-decizjoni u cioe' is-27 ta' Novembru, 2014, jirrizulta b'aktar mod car li f'dan il-kaz ukoll kienu lahqu ghaddew ferm aktar minn sitt (6) xhur.

Din il-Qorti wkoll tirrileva li xejn ma kien iwaqqaf lill-appellat fil-mori tal-kawza ta' separazzjoni li jaghmel rikors *ad hoc* lill-Onorabbli Qorti tal-Familja sabiex jigi awtorizzat jippercepixxi l-beneficcju tat-tfal kollu ghaz zewg ulied li kienu qed jirrisjedu mieghu izda jidher li dan ma sarx. In oltre ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-appellat id-decizjoni finali ma varjatx il-kura u kustodja qabel id-data tad-decizjoni izda varjata mid-data tad-decizjoni 'l quddiem kif fuq ikkwotata.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li l-Arbitru verament ghamel apprezzament hazin tal-fatti u naqas milli japplika l-Artikoli tal-Ligi relavanti ghall-ghoti tal-allowance tat-tfal.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tielet aggravju tad-Direttur appellant.

**It-Tieni aggravju**

11. Illi din il-Qorti in vista tal-konkluzjonijiet taghha dwar l-ewwel u t-tielet aggravju tal-appellant Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali tqis li ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre fit-tieni aggravju li jqajjem 'Allegata applikazzjoni hazina tal-artikolu 108 (9) tal-Kap 318' u dan stante li abbazi tal-konkluzjoni taghha fl-ewwel u t-tielet aggravju xorta wahda l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-Arbitru appellata.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tielet aggravju tad-Direttur Generali tas-**

**Sigurta' Socjali appellanti tghaddi sabiex tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Arbitru nhar is-7 ta' Novembru, 2018 u tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali kontra t-talba ta' Mario Ciappara datata 3 ta' Novembru, 2016.**

**Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**